MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-27 ta' Lulju, 2006

Numru 418/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Mercieca)**

**Vs**

Amadeo Grima
Claire Cassar

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputati Amadeo Grima u Claire Cassar ta’ karta ta’ identita’ numru 259780(M) u 151774(M) rispettivament, akkuzati talli:

1. Fil-11 ta’ April, 2005 bejn id-9:00 a.m. u nofsinhar, minn Triq Stiefnu Zerafa, Marsa kkommettew serq ta’ karrozza Maruti 800, numru tar-registrazzjoni CBK403, liema serq huwa aggravat bil-valur li jaqbez l-elf Lira Maltin u bix-xorta tal-haga misruqa; iktar, talli f’dawn il-

Gzejjer, fl-istess data u hin, jew wara, volontarjament, hassru, ghamlu hsara jew gharrqu l-istess vettura, liema hsara tiskorri l-hames mitt Lira Maltin ai termini ta’ l-Artikolu 325(1)(a) ghad-dannu ta’ Francesco Xuereb;

2. bejn it-23 ta’ April, 2005 u s-26 ta’ April, 2005, minn Triq ix-Xwieni, Albert Town, Marsa kkommettew serq ta’ sett (zewg) tarek tar-registrazzjoni minn vettura tal-ghamla Volvo, numru tar-registrazzjoni GAM679 liema serq hu aggravat bix-xorta tal-haga misruqa;

3. fid-29 ta’ April, 2005, bejn is-6:30 a.m. u 6:30 p.m., mill-parkegg ta’ San Vincenz de Paule, Luqa kkommettew serq ta’ stereo, sett (zewg) tarek tar-registrazzjoni u xi dokumenti minn karozza Maruti 800, numru tar-registrazzjoni JBG126, liema serq huwa aggravat bix-xorta tal-haga misruqa. Barra minn hekk, fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament, hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, cioe’ hsara fuq l-istess karrozza liema hsara teccedi l-hamsin Lira Maltin izda anqas minn hames mitt Lira Maltin (Art. 325(1)(b) tal-Kap 9) ghad-dannu ta’ Carmelo Sciberras;

Fid-29 ta’ April, 2005 u/jew fix-xhur ta’ qabel, b’diversi atti maghmulin mill-imputati, ukoll jekk fi zmenijiet differenti, u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi, u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda, f’dawn il-Gzejjer,

4. saqu vettura tal-ghamla Maruti 800 (numru tar-registrazzjoni CBK403), minghajr ma kienu koperti b’polza t’assikurazzjoni kontra r-riskji ta’ terzi persuni;

5. ghamlu falsifikazzjoni jew xort’ohra, xjentement, ghamlu uzu minn dokument falsifikat, u cioe’ minn licenzja ta’ vettura u zewg tarek tar-registrazzjoni (Art. 189 tal-Kap 9);

6. lil Amadeo Grima wahdu akkuzat talli bhala persuna li f’Malta gie kkundannat ghal serq jew ghal ricettazzjoni nstabu fil-pussess tieghu ghoddod tajbin ghal-ftuh jew sgassar ta’ serraturi, minghajr ma ta kont sodisfacenti

ghal liema skop legittimu dawn l-ghoddod kienu ghandu f’dak iz-zmien;

Fl-ahharnett, lil Amadeo Grima wahdu, akkuzat ukoll talli fid-29 ta’ April 2005, u/jew fix-xhur ta’ qabel, b’diversi atti maghmulin minnu stess, ukoll jekk fi zmenijiet differenti, u li jiksru l-istess disposizzjoniiet tal-Ligi, u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda, f’dawn il-Gzejjer,

7. irrenda ruhu recediv ai termini ta’ l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta wara li nstab hati b’diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

8. kiser il-provediment ta’ l-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta b’sentenza datata 13 ta’ Ottubru, 2004 fejn hu kien misjub hati ta’ reat ta’ serq aggravat u liberat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett snin;

9. kiser il-provediment ta’ l-Artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta b’sentenza datata 14 ta’ Mejju, 2003 fejn l-istess Amadeo Grima kien misjub hati ta’ sensiela ta’ serq aggravat u gie kkundannat sentejn prigunerija sospizi ghal erbgha snin.

Rat l-artikoli tal-Ligi mahruga mill-Avukat Generali li permezz taghhom inghata lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddecidi l-htija o meno tal-imputati fin-nuqqas ta’ opposizzjoni li jigu processati u gudikati minn dina l-Qorti.

Semghet ix-xhieda.

Semghet lill-imputati jammettu l-akkuzi fl-liema ammissjoni huma baqghu jinsistu anka wara li l-Qorti taghthom zmien jirrikonsidraw.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

L-akkuzi jirrigwardaw serq, falsifikazzjoni, u sewqan mhux kopert b'polza ta' assikurazzjoni. Dawn l-akkuzi huma komuni ghaz-zewg imputati. L-imputat Amadeo Grima hu wkoll wahdu akkuzat bir-reat ta' pussess ta' oggetti (Artikolu 287) li hu recediv u li kiser il-provedimenti tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 u l-Artikolu 28A tal-Kap 9.

Issa wara li din il-Qorti semghet l-provi li resqet il-prosekuzzjoni, l-imputati fl-udjenza tas-6 ta' April 2006 irregistraw ammissjoni fl-liema ammissjoni huma insistew anka wara li l-Qorti taghthom zmien jirrikonsidraw.

Rat l-Artikoli 189, 261(c)(g), 267, 271, 279(b), 325(1)(a)(b), 289, 286, 49, 50, 28A, 28H, 31, 20, 23, 17(b) tal-Kap 9 u fl-Artikoli 3, 20, 22 u 23 tal-Kap 104 u 7 u 23 tal-Kap 446 fil-konfront tal-imputat Amadeo Grima, u l-Artikoli 189, 261(c)(g), 267, 271, 279(b), 325(1)(a)(b), 20, 17(b), 23 tal-Kap 9 u l-Artikoli 3, 20, 22 u 23 tal-Kap 104.

Tiddecidi fil-konfront tal-imputat Amadeo Grima li issibu hati fuq ammissjoni tal-akkuzi kontrih dedotti u tikkundannah tmintax il-xahar prigunerija bit-tnaqqis ta' kull termini li ghamel taht arrest preventiv.

Issib l-imputata l-ohra similment hatja tal-akkuzi kontriha dedotti u tikkundannaha wkoll ghal tmintax-il xahar prigunerija li pero' bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 qed jigu sospizi ghal tlett snin mill-lum. Il-Qorti spjegat is-sinifikajiet ta' dan lill-imputata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------